IL-KARDINAL LAVIGERIE U MALTA — (5) Minn MICHAEL GALEA

# GHOTJA TA' ELFEJN FRANK MILL-KARDINAL BIEX JITQASSMU LILL-FOQRA

**It-tluq tal-Kardinal minn Malta kien okkażjoni oħra ta' qima lejn dan il-Kardinal. Il-Kardinal kien jixtieq li t-tluq tiegħu jkun taħt forma privata, iżda l-kumitat promotur kien ħejja dimostrazzjoni ta' rispett u ta' ħajr. Tħajjew twapet u fjuri; ukoll id-dgħajsa personali tal-Gvernatur Borton, li tqiegħdet għad-dispożizzjoni tal-Kardinal, f'din l-okkażjoni żżejnet bil-fjuri.**

Qabel ma ħa postu fuq dik id-dgħajsa, il-Kardinal Prinċep tal-Knisja għannaq miegħu lill-Arċisqof Djoċesan, Mons. Scicluna. Imbagħad, flimkien ma' għadd ta' dgħajjes oħra, f'atmosfera ta' ferħ il-Kardinal twassal sa fuq il-vapur.

F'dik l-okkażjoni tat-tluq tal-Kardinal Lavigerie minn Malta, il-kumitat promotur ta' dik iż-żjara bagħatlu indirizz speċjali ta' ħajr.

"... Se il Vostro Nome recatoci dalla fama delle vostre gesta e dei segnalati benefici elargiti ai nostri fratelli di Tunisi e di Algeri, desto' tanti palpiti di viva riconoscenza nei nostri cuori, non sarà difficile all'Em.za Vostra di comprendere l'amore, che la Vostra Augusta Persona, la Vostra paterna voce, le testimonianze che ci desti del Vostro affetto, han dovuto accendere ed hanno acceso, nei Maltesi, che vi riguardano e vi proclamano loro Secondo Padre.

"... Iddio vi accompagni per tutto dove movete; vostri benefici passi. Iddio vi ajuti in tutte le generose intraprese.

"E come questa affezionatissima popolazione serbera sempre cara memoria di voi e della visita, che v. degnaste di farle, cosi' l'Em.za Vostra voglia serbare memoria dei Figli di San Paolo, che colle lagrime agli occhi, vi baciano il Sacro annello ed implorano ancora una volta la vostra benedizione, mentre vi danno il saluto di Addio."

(Jekk ismek, li jgawdi fama kbira u li huwa marbut ma' tant ġid li int qed tagħmel ma' ħutna f'Tunes u fl-Alġier, qanqal sentimenti ta' rikonoxxenza fi qlubna, ma tkunx diffiċli għall-Em.za Tiegħek li tifhem liema mħabba l-Persuna awgusta tiegħek, il-leħen tiegħek ta' missier, ix-xhieda ta' mħabbtek lejna, xegħlu fil-Maltin, li jqisuk u jagħrfuk bħala t-tieni missierhom... Alla jkun miegħek kull fejn tmur; Alla jgħinek f'kull biċċa xogħol li tidħol għaliha, ġenerożament. U kif dan il-poplu jibqa' dejjem iżomm tifkira għażiża tiegħek u taż-żjara tiegħek, hekk ukoll l-Em.za Tiegħek trid iżżomm tifkira ta' wlied San Pawl, li bid-dmugħ f'għajnejhom ibusulek idejk u għal darb'oħra jitolbu l-barka tiegħek, filwaqt li jixtiqulek kull ġid fil-mawra tiegħek).

**ĠEST SIMPATIKU**

L-aħħar ġest simpatiku tal-Kardinal lejn il-Maltin, wara dik il-laqgħa kbira li kienu tawh, kien għotja ta' 2000 frank biex dawn jitqassmu lill-foqra.

Dik l-għotja kienet tħalliet f'idejn il-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, Mons. Scerri, permezz ta' ittra li l-istess Kardinal bagħat lill-Vigarju Ġenerali.

"Durante il mio soggiorno a Malta ho ricevuto parecchie domande d'elemosina. Io avrei voluto rispondere piu' generosamente ai poveri, che me le hanno indirizzate, ma un missionario, anche Cardinale, e' povero anch' egli, obbligato a sostenere tante opere diverse, e prestare aiuto a tante sventure. Pero' partendo voglio almeno lasciare a Malta un segno del mio affetto paterno.

"A tale scopo io unisco a questa lettera la somma di duemila franchi, che io La prego di dividere, come crederà, piu' opportuno, fra i signori Parrochi della Città, per essere distribuita ai loro parrocchiani poveri ed in modo particolare a quelli che sono costretti a nascondere la loro miseria."

(Matul iż-żjara tiegħi fostkom, irċevejt bosta talbiet għall-għajnuna. Xtaqt kieku nwieġeb b'aktar ġenerożità lill-foqra, li talbuni din l-għajnuna, iżda missjunarju, ukoll kardinal, hu fqir huwa wkoll, peress li jeħtieġlu jgħin bosta opri oħrajn, u jagħti l-għajnuna lil ħafna batuti. Iżda f'din il-mawra tiegħi rrid għallinqas inħalli f'Malta sinjal ta' l-imħabba tiegħi ta' missier. B'dan l-għan qed nehmeż ma' din l-ittra s-somma ta' elfejn frank, li nitolbok tqassam, kif jidhirlek int li jkun l-aktar xieraq, qalb il-kappillani tal-Belt, biex tingħata lill-parruċċani fqar tagħhom u b'mod partikulari lil dawk li huma kostretti jaħbu l-faqar tagħhom.)

**(Ikompli)**